# Il-Vara tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta

*Minn Victor Caruana B.A. (Hons), MA Storja tal-Arti*

*"An artist is not paid for his labour*
*but for his vision."*
*"Artist ma jitħallasx għal xogħlu,*
*imma għall-viżjoni tiegħu"*
*-- James MacNeill Whistler.*

Wieħed mill-iskopijiet ewlenin tal-arti huwa dak li twassal messaġġ. Permezz tal-kuluri u jew tal-forom, l-artist juri kif jaħsibha bil-mod kif jinterpreta suġġett partikolari. Meta dan l-għan jitwaħħad mal-aspett reliġjuż, tinħoloq dik li tissejjaħ l-arti sagra. F'dan il-ġeneru tal-arti, l-iskop huwa li bl-għajnuna ta' aspetti viżivi, jitwassal il-messaġġ Nisrani lill-fidili permezz ta' rappreżentazzjonijiet mpittra jew imnaqqxa ta' episodji Bibbliċi, evangeliċi jew ħajjiet ta' qaddisin u li bihom id-devot jiftakar u jimmedita fil-virtujiet qaddisa li l-personaġġ muri jippromwovi. L-arti kienet għodda qawwija f'idejn il-knisja li ntużat sabiex tiġġieled u tegħleb lill-kritiċi tagħha matul iż-żminijiet, kif nistgħu naraw sew mill-Kontro-Riforma kontra l-Protestanti u mill-Konċilju ta' Trentu (1545-1563), fejn il-knisja stabilixxiet regoli ċari ta' kif l-artisti kellhom juru suġġetti ta' natura reliġjuża, nkluż anke fil-kuluri tal-ilbies ta' ċertu personaġġi u divinitajiet.

F'dan il-kuntest, Malta mxiet mall-bqija tal-Ewropa grazzi għall-influwenzi artistiċi u reliġjużi minn Sqallija u l-Italja t'isfel. Apparti l-pittura, fergħa artistika li tiddomina l-aspett popolari u reliġjuż tal-Maltin hija dik tal-vari proċessjonali – xbihat tridimensjonali u figurattivi li jinġarru fuq l-ispalla ta' reffiegħa magħżula apposta sabiex idawwru r-rappreżentazzjoni tal-figura qaddisa madwar it-toroq tal-irħula u l-ibliet f'jum il-festa tagħhom. Minkejja l-kompożizzjonijiet pjuttost sempliċi tal-vari Maltin – ġeneralment juru figura solitarja f'qagħda glorjuża u trijonfanti b'ilbies indurat u mżejjna b'dehebijiet u mgħollija fuq pedestall – dawn ukoll inħadmu bi ħsieb. L-iskulturi u statwarji li sawwru dawn il-vari riedu jwasslu l-messaġġ Nisrani anke fl-inqas ġest tal-idejn, fl-inqas dettall u fl-aktar ħarsa glorjuża jew ta' dieqa fil-figuri tagħhom. Arti popolari li kienet ser tkun użata daqshekk mill-popolin, tant li xi wħud minn dawn il-vari jagħtu identita' lil raħal



sħiħ, ma setax ma jkollhomx messaġġ Nisrani x'jagħtu lill-poplu u li jibqa' jiġi mfakkar kull darba li l-vara partikolari toħroġ min-niċċa u titqiegħed fil-knisja sabiex tingħata qima fil-ġranet tal-festa ad unur tagħha. Għalhekk tajjeb li apparti l-aspett artistiku fil-vari tagħna, wieħed jikkunsidra wkoll l-aspett psikoloġiku ta' x'ried juri l-istatwarju meta sawwar dik il-kompożizzjoni li kienet ser tibqa' tiġi ammirata għal għexieren kbar ta' snin u bħal eku tibqa' ttenn il-messaġġ spiritwali ta' min ħoloqha.

## L-Oriġini tar-Rappreżentazzjoni Karmelitana.

Il-vara tal-*Madonna tal-Karmnu* meqjuma fis-Santwarju tagħha tal-Belt saret fl-1781 minn Vincenzo Dimech il-kbir. Hija vara li ssegwi l-ikonografija popolari u vernakulari ta' dan is-suġġett. Fil-fatt, hija tagħmel parti minn numru sostanzjali ta' xbihat li jsegwu prototip u mhumiex frott il-kreattivita' oriġinali tal-iskultur partikolari. Għalhekk, meta wieħed janalizza l-messaġġ reliġjuż li twassal din







il-vara fil-belt, irid jifhem mall-ewwel li dan oriġina numru ta' snin aktar qabel u ma sarx speċifikament għal din il-vara. Huwa messaġġ li baqa' jiġi rrepetut matul iż-żmien.

L-ikonografija tal-Madonna bil-Bambin fi ħdanha hija antika ħafna. Fil-fatt, sa mix-xbihat tradizzjonalment attribwiti lil San Luqa, sal-pitturi Gotiċi, Rinaxximentali u Barokki, din it-tema baqgħet waħda popolari mmens. Meta din tiġi addattata għal skultura u allura l-figuri jieħdu forma aktar reali u umana, tinfetaħ opportunita' għall-artist sabiex b'mod effettiv - grazzi għan-natura tal-iskultura nnifisha bħala arti - iwassal aktar il-konnessjoni psikoloġika bejn id-devot u d-divin. Ir-rappreżentazzjoni Karmelitana li qed tiġi diskussa hawnhekk hija waħda ispirata minn dik tal-*Madonna tar-Rużarju* li Melchiorre' Cafa' (1636-1667) ħadem għad-Dumnikani tar-Rabat Malta fl-1661. Dan il-prototip ta' stil Barokk jibbaża fuq il-figura wieqfa tal-Madonna li b'id waħda qed iżżomm il-kuruna tar-Rużarju u bl-oħra qed iżżomm magħha lil ġesu' bambin, bla ħwejjeġ u mserraħ fuq id-dirgħajn tax-xellug tagħha. F'id waħda, huwa jżomm kuruna f'idejh filwaqt li bl-oħra donnu qed ibierek. Fuq ras il-Madonna nsibu velu bajdani li jinżel fuq l-ispalla leminija tagħha fl-istess waqt li t-tarf l-ieħor tiegħu qed jittajjar wara dahra. Il-biċċa l-kbira tal-figura prinċipali tinsab imgeżwra f'mant ikħal li jgħatti parti minn spallitha tal-lemin u jdur ma' dirajha sakemm jinġabar f'gozz wieħed taħt sidirha u jintelaq l'isfel f'panneġġi voluminużi u kbar. Dan l-istess mant imbagħad idur u jgħatti sieqha tal-lemin u l-parti ta' wara tal-vara sakemm jerġa' jitfaċċa fuq in-naħa xellugija tal-figura, fejn il-Madonna b'parti mill-istess mant qed iżżomm koxxtejn binha. Il-libsa ħamranija li liebsa minn taħt tidher ftit fejn jippermetti l-mant, b'mod partikolari fil-parti ta' fuq ta' qaddha u l-parti t'isfel tal-figura, fin-naħa ta' sieqha x-xellugija.

Din l-ikonografija popolari ta' Cafa' ssegwi l-istil tal-iskultur minn Bologna Alessandro Algardi (1598-1654). Fil-fatt, min-naħa tagħha ix-xbiha tal-iskultur Malti hija meħuda mill-istatwetta famuża tal-*Madonna u l-Bambin Ġesu'* ta' Algardi u li Cafa' ġie f'kuntatt magħha fil-ħanut tax-xogħol ta' Ercole Ferrata waqt li hu kien għadu jitħarreġ hemmhekk.[1] Il-wasla tal-vara tal-*Madonna tar-Rużarju* fir-Rabat ma kienitx biss importanti għax kienet l-ewwel minn fost żewġ vari li dan il-ġgant tal-iskultura Barokka għamel għal Malta iżda wkoll għax stabilixxiet l-ikonografija lokali ta' rappreżentazzjonijiet simili.[2] Il-vara tar-Rabat tant ġiet ammirata li l-preżenza tagħha ħolqot mewġa ta' xbihat tal-Madonna taħt it-titlu tar-rużarju li kienu kopji tagħha. F'ċertu każijiet, fil-kuntratti ta' dawn il-vari nsibu miktub b'mod speċifiku li x-xbiha li kienet qed tiġi kkummissjonata kellha tkun tixbaħ lil dik tar-Rabat. Fost dawn nsibu dawk fil-Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara, ħal Balzan, il-Mosta, ħaż żebbuġ u s-Siġġiewi.

Il-ġrajja wara l-kult u d-devozzjoni lejn il-*Madonna tar-Rużarju* ddur b'mod partikolari mal-figura ta' San Duminku. It-tradizzjoni tgħid li waqt il-ġlieda tiegħu kontra l-ereżija tal-Albiġeniżi,[3] huwa kellu viżjoni tal-Madonna fejn din tagħtu kuruna tar-rużarju mqaddes u nkoraġġietu sabiex jitlob u jgħallem din it-talba lin-nies għax din it-talba ma tfalli qatt. Dan kellu jwassal sabiex l-ereżija tal-Albiġeniżi tispiċċa minn ġo Franza. Eventwalment, wara ħafna tagħlim fuq ir-rużarju u meditazzjonijiet fuq il-ħajja, l-mewt u l-qawmien ta' Kristu, l-ereżija ġiet mirbuħa u l-knisja kattolika ssaħħet. Nistgħu ngħidu li minn dak iż-żmien 'l hawn, ir-rużarju sar waħda mill-aktar talb li l-insara jdommu kemm privatament u anke pubblikament u għalhekk issaħħet u tkattret

1 Keith Sciberras, Melchiorre Cafa' – Maltese Genius of the Roman Baroque, Malta 2006, p. 4.

2 Il-vara l-oħra hija dik ta' *San Pawl* għall-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

3 Din l-ereżija kienet ibbażata fuq dualiżmu b'żewġ prinċipji opposti, jiġifieri t-tajjeb u l-ħażin. Il-materja tal-oġġetti hija l-ħażen filwaqt li l-ħallieq tad-dinja materjali huwa x-xitan. Min-naħa l-oħra, dak kollu li hu spiritwali huwa marbut mat-tajjeb tal-ħajja.

aktar id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu u min-naħa tiegħu, dan iġġenera aktar kummissjonijiet ta' vari tal-Madonna matul iż-żminijiet.

Il-ġrajja tar-Rużarju Mqaddes u l-viżjoni ta' San Duminku hija simili ħafna għal dik relatata mal-*Madonna tal-Karmnu*. Għalkemm din id-devozzjoni bdiet minn xi eremiti Karmelitani li kienu jgħixu fuq l-għolja tal-Karmelu fl-art imqaddsa lejn l-aħħar tas-seklu 12 u l-bidu u n-nofs tas-seklu 13, hija assoċċjata ħafna mat-tradizzjoni marbuta ma' wieħed mill-ewwel prijuri ġenerali tal-Ordni, jiġifieri l-Karmelitan San Xmun Stock.[4] Jingħad li dan kellu dehra tal-Madonna fejn din offrietlu l-labtu jew l-iskapular mqaddes li kien jagħmel parti mill-ilbies tal-Karmelitani. Hija wegħditu li min jilbes il-labtu Karmelitan f'mewtu jsib il-ġenna tistennieh. Dan ukoll kien każ fejn id-devozzjoni ħadet spinta kbira 'l quddiem u ma baqgħetx riservata biss għall-patrijiet Karmelitani fl-art imqaddsa.



Kemm fir-rakkont tal-għoti tal-kuruna tar-Rużarju lil San Duminku, fl-għoti tal-labtu Karmelitan lil San Xmun Stock u anke f'xi devozzjonijiet oħrajn bħal dik tal-*Madonna taċ-Ċintura*,[5] insibu l-figura tal-Madonna li qed tagħti oġġett lil xi personaġġ qaddisa sabiex jintuża bħala mezz ta' devozzjoni lejha. Dan ifisser li l-Madonna tixtieq li jkun hemm kuntatt bejnha u bejn id-devot Nisrani permezz ta' dawn l-oġġetti li għandhom jintużaw wieħed għal waqt it-talba tar-rużarju u l-ieħor sabiex jitlob u fl-istess ħin jiggarantixxi l-protezzjoni dejjiema tagħha. Din is-similarita' fil-ġrajjiet u fl-iskop ta' dawn l-oġġetti għamilha possibbli sabiex ikonografija tal-Madonna bil-Bambin tintuża sabiex tirrappreżentaha taħt dawn iż-żewġ titli msemmija mingħajr ebda distinzjoni ta' xejn ħlief fl-oġġett li din iżżomm f'idejha. Fi ftit kliem, l-iskop tal-artist li ħareġ bl-idea li juri l-Madonna wieqfa li żżomm il-Bambin fi ħdanha b'idha x-xellugija filwaqt li żżomm oġġett sagru b'idha l-oħra seta' faċilment jiġi addattat għat titli differenti.

## It-Tifsira u l-Interpretazzjoni tal-Vara tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt

F'rappreżentazzjoni bħal ma hi dik tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt, insibu sitwazzjoni fejn il-vara mhijiex biss raffigurazzjoni tal-Madonna li qegħda hemm sabiex tilqa' t-talb tad-devoti jew li juru l-qaddis/a fil-glorja bħal ma huma xbihat oħrajn bħal per eżempju *San Ġorġ* ta' Ħal Qormi jew *Santa Liena* ta' Birkirkara. Il-vara ta' Dimech tista' titqies bħala figura semi-narrattiva. Dan għax fil-ġesti tagħha, hija tfakkar fl-episodju tal-għoti tal-labtu lil San Xmur Stock. Il-Madonna bħal donnu qegħda tħares 'l isfel b'dinjita' lejn il-qaddis Karmelitan sabiex tippreżentalu l-iskapular. F'din il-perspettiva u f'din ix-xena, id-devot isir l-ispettatur li jkun xhud ta' dan l-avveniment u allura jara l-kobor ta' dan il-fenomenu li jinkoraggieh iżomm fuqu l-iskapular skont ix-xewqa tal-Madonna hekk kif espressa f'dik il-viżjoni.

Min-naħa l-oħra, l-ikonografija Algardiana tal-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt tpoġġi wkoll lid-devot minflok San Xmun Stock. Dan peress li l-ispettatur jieħu post dan il-qaddis hekk kif iħares lejn ix-xbiha u jara dak il-wiċċ ħanin u meastuż iħares 'l isfel lejh: ġest li kull fidil iqis bħala xorti tajba, grazzja u privileġġ li l-Madonna reġina tal-Karmelu u sultana tas-sema u l-art tat dak iċ-ċans sabiex wieħed iħares dirett lejn wiċċha fil-glorja kollha tagħha. F'dak il-mument, il-Madonna tiġi bħal donnha qed tnewwel il-labtu lil min iħares lejha u b'hekk jesperjenza ftit mis-sentiment mqanqal u estasi qaddisa li seta' ħass San Xmun fid-dehra li kellu. Ta' min wieħed jinnota wkoll li l-figura tal-Madonna f'din il-vara mhijiex impoġġija



4 Din it-tradizzjoni tmur lura lejn l-aħħar tas-seklu 14.

5 Skont tradizzjoni antika, Santa Monika rċeviet mingħand il-Madonna ċinturin iswed tal-ġilda u tennitilha li hija tipproteġi lil dawk kollha li jilbsuh ad unur tagħha. Wara li din id-devozzjoni kompliet tikber, iċ-ċintorin sar parti ntegrali mill-ilbies tal-Ordni Agostinjan.





fuq is-sħab. Dan seta' sar sabiex l-iskultur itaffi ftit id-differenza bejn id-divin u l-uman. Figura fuq is-sħab tagħti idea ta' xi ħadd li ġie missema għal xi skop. Fil-każ in kwistjoni, wieħed jinsa dan il-fattur u jara biss il-lat uman tal-Madonna li minkejja li qegħda fuq pedestall għax hija importanti, m'hemm xejn li jfakkar fl-att sopranaturali ta' xi ħadd wieqaf fuq is-sħab. Hija qegħda hemm wieqfa bħal kif kull bniedem ieħor jista' jagħmel. Apparti dan, Vincenzo Dimech naqqax ukoll lill-Madonna b'riġel ħarira aktar mgħolli - qagħda li fiha l-figura donnha qed tagħmel pass 'l quddiem. Dan il-ġest mhux biss jagħti aktar moviment lill-vara iżda wkoll jissimbolizza t-twemmin li l-Madonna, bħala benefiċċju tal-labtu tagħha, ser timxi mad-devot tul il-mixja ta' ħajtu kollha – garanzija ta' assistenza u għajnuna dejjiema għal meta jinqala' xi għawġ. Dan l-akkumpanjament tal-Madonna matul il-ħajja tan-Nisrani tista' titqies ukoll bħala eku ta' titlu li l-ewwel eremiti fuq l-għolja tal-Karmelu taw lill-protettriċi tagħhom, dik ta' Oħt. L-istess bħal kif xi ħadd idur lejn il-familjari tiegħu meta jinqala' xi nkwiet fil-ħajja, hekk għandu jagħmel il-Karmelitan meta jsib ruħu f'xi saram u jkollu bżonn l-għajnuna – jdur lejn oħtu fil-qdusija tal-Karmelu bit-tama li din ser tgħinu u tipproteġieh.

Ninnutaw kif f'dan kollu, il-komunikazzjoni telepatika u silenzjuża li tgħaddi bejn il-Madonna hekk kif imnaqqxa minn Dimech u d-devot li jħares lejha hija l-aktar parti psikoloġika li tispikka f'din il-kompożizzjoni. Dan minħabba li waqt li għaddej dan kollu, l-Bambin jibqa' figura indipendenti. Mhux qed jipparteċipa f'dak li hu għaddej għax il-protagonista hija ommu Marija. Marija hija l-eroina tas-sitwazzjoni, li qed toffri mezz ta' salvazzjoni u protezzjoni lin-Nisrani permezz tal-labtu tagħha li qed tippromwovi. Il-Bambin, fil-kompożizzjoni msemmija, qisu l-assistent tagħha imma l-qagħda u l-espressjoni ħelwa imma pjuttost serja ta' wiċċu tfakkarna u turina li l-irwol tal-Madonna huwa dak li tinterċedi quddiemu għal dawk li jitolbu l-għajnuna tagħha, f'dal-każ permezz tal-labtu mqaddes. Tant hu hekk, li fil-poża tiegħu – bid-dawra ta' ġismu minn qaddu 'l fuq li twessa aktar l-angolu tal-vara – huwa bħal donnu qed jippreżentalna lill-Madonna u jħeġġeġ sabiex in-Nisrani jdur lejha u l-iskapular tagħha għall-protezzjoni. L-appoġġ tiegħu lejn l-ilbies tal-labtu Karmelitan bħala protezzjoni kontra l-ħażen jidher ukoll mill-fatt li anke hu qed iżomm wieħed f'idejh u qed iħajjar lill-ispettatur sabiex jersaq 'l quddiem sabiex jirċevieh. Huwa qed jagħti l-barka tiegħu – kif jindika l-ġest t'idu l-leminija – sabiex id-devot jilbes il-labtu u jagħti qima u ġieħ lill-Madonna taħt it-titlu tal-Karmnu.

Bla dubju, il-messaġġ fl-ikonografija tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt hekk kif interpretata minn Vincenzo Dimech ħalliet l-impatt mixtieq għax matul iż-żmien, din il-vara saret ċentru ta' kult u devozzjoni qawwija mhux biss fil-Belt iżda wkoll f'Malta kollha, bid-devoti jitolbu quddiemha s-sena kollha. Din id-devozzjoni tilħaq il-qofol tagħha fil-jiem li jwasslu għall-ġurnata tas-16 ta' Lulju – jum il-festa tal-Madonna tal-Karmnu – fejn mijiet ta' devoti jersqu lejn is-Santwarju Karmelitan sabiex jassistu għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-okkażjoni. Il-purċissjoni hija wkoll xhieda tal-popolarita u qima li tgawdi din ix-xbiha, hekk kif mijiet ta' nies jakkumpanjaw lill-Madonna tal-Karmnu hekk kif din tkun qed tintrefa' u tiddawwar fit-toroq tal-Belt. Din id-devozzjoni kbira tiġi rikonoxxuta wkoll f'xi okkażżjonijiet speċjali li jiġu organizzati fuq livell nazzjonali mid-djoċeżi, meta l-vara ta' Dimech tintgħażel biex tkun iċ-ċentru tal-attivita' proprju minħabba d-devozzjoni li tgawdi u l-imħabba li l-poplu juri lejha.

**Konklużjoni**

Meta wieħed jaħseb u jinnota dawn l-affarijiet f'vara waħda, jista' jifhem aħjar is-saħħa li

għandha l-arti sagra sabiex twassal il-messaġġ reliġjuż tagħha. L-arti ma ntużatx biss mill-knisja sabiex iżżejjen il-kappelli, l-knejjes u l-katidrali tagħha imma appuntu kienet mezz effettiv sabiex ixxerred it-tagħlim u t-twemmin tagħha. Hawnhekk allura ta' min jevalwa l-irwol tal-artist. Il-pittur jew l-iskultur kellu u għad għandu l-privileġġ li permezz tax-xogħlijiet li joħloq, frott tal-kreattivita' u l-bravura tiegħu, ikun protagonist sabiex juri dak li jemmen fih sabiex l-ispettatur ikompli jsaħħaħ il-fidi tiegħu. L-artist joħloq l-arti sabiex din mhux biss teżalta s-sens viżiv ta' min iħares lejha imma sabiex tqanqal ukoll il-ħsieb u r-riflessjoni tar-ruħ u b'hekk jersaq aktar lejn Alla, kif tagħmel sew il-vara tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt.



Il-vari proċessjonali, li kif għidna, huma fergħa tal-arti tal-iskultura li l-aktar li tintuża mill-popolin, hija għodda aktar effettiva għal dan l-għan. Fl-arti tagħhom, dawn ix-xbihat iwaħħdu magħhom irħula u bliet sħaħ. F'Malta, l-festi huma l-qofol fejn in-nies tal-post partikolari juru l-imħabba tagħhom lejn il-padrun/a bil-marċi, armar, briju u nar. F'dan l-aspett ta' ċelebrazzjonijiet popolari, iżda, iċ-ċentru ta' kollox tibqa' l-vara tal-qaddis/a. Mhux b'kumbinazzjoni li l-ewforija ta' raħal sħiħ toħroġ l-aktar meta tiċċaqlaq il-vara, jew fil-ħruġ min-niċċa jew aktar u aktar waqt il-purċissjoni. Din tal-aħħar hija l-qofol tal-attivitajiet kollha għax waqt dawk il-ftit siegħat, is-seħer tal-vari jkun fl-aqwa tiegħu. Dak li hu divin, dak li hu rappreżentat fil-vara tal-injam jew kartapesta, jkun qiegħed hemm, miexi fit-toroq li n-nies tar-raħal stess jużaw matul is-sena kollha. F'dawk il-ftit siegħat tal-purċissjoni, kif jiġri bil-vara Marjana ta' Dimech, għajnejn id-devot ma jkunux qed jaraw biss blokka njam mnaqqxa minn skultur jew figura tal-kartapesta mlibbsa bl-ixkejjer, il-ġibs u l-kolla imma jkunu qed jaraw lill-qaddis/a li tant iħobbu. Għalihom, dak il-personaġġ divin kellu l-bixra u l-qagħda hekk kif murija fil-vara. Verżjoni oħra taf tkun meqjusa bħala stramba u ma tkunx maħbuba daqshekk. Minħabba f'hekk, l-idea tal-iskultur ta' kif isawwar il-vara tiegħu hija mportantissima. Il-mijiet u eluf ta' nies li jammiraw is-sbuħija tal-vari jridu jammirawhom mhux biss mill-lat estetiku imma anke mill-mod kif qed iwasslu l-messaġġ spiritwali tagħhom. Anke dan huwa mportanti għall-artist li għamilhom. Anzi, probabbilment huwa dan li ħadlu ħafna mill-ħsieb tiegħu. Għax artist ma jitħallasx għal xogħlu imma għall-viżjoni tiegħu.



